MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 660/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**vs**
**Pierre Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Pierra Micallef**, iben Saverio u Emanuela nee' Agius, imwieled Pieta' fil-5 ta' Marzu, 1981, residenti f' 29, Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera w detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 144781(M);

Talli fis-16 t'April, 2005 ghal habta tas-14:30 ta' wara nofsinhar gewwa l-Gzira sraqt karettun ghad-dannu ta' Doris Cassar, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 429464(M), liema karettun jiswa izjed minn mitt lira Maltin [Lm100] izda inqas minn elf lira Maltin [Lm1,000] u dan ai

termini ta’ l-artikoli 261 (c), 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta’ qabel, xjentement xtrajt jew ilqajt ghandek oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira Maltin, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkunu indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat biex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 u 334 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat u kkunsidrat illi huwa rritorna l-oggetti misruqa .

Minflok li tikkundannah, il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tmintax (18)il xahar mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446, wara li staqsietu jekk huwiex dispost li joqghod taht kundizzjoni f’kaz li kellu jkun liberat.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------